



Brussell, 6 ta' Ġunju 2019
(OR. en)

9720/19

COSI 121
JAI 586
ENFOPOL 276
ENFOCUSTOM 115
CYBER 184

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 6 ta' Ġunju 2019

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 9481/19

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Informazzjoni Azzjonabbli Ġdida
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (6 ta' Ġunju 2019)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Informazzjoni Azzjonabbli Ġdida, adottati mill-Kunsill fit-3697 laqgħa tiegħu li saret fis-6 ta' Ġunju 2019.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Informazzjoni Azzjonabbli Ġdida**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,**

FILWAQT LI JFAKKAR li f'konformità mal-Artikolu 67(3) TFUE, l-Unjoni għandha tfittex li tiżgura livell għoli ta' sigurtà permezz ta' miżuri biex tiġi evitata u miġġielda l-kriminalità, u permezz ta' miżuri għall-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-pulizija u għudizzjarji u awtoritajiet kompetenti oħra,

FILWAQT LI JIKKUNSIDRA l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna Mġedda għall-Unjoni Ewropea 2015-2020¹ li jissottolinjaw il-ħtieġa li jiġi segwit approċċ rapidu u flessibbli mmexxi mill-intelligence biex jiġi indirizzat it-theddid emerġenti,

FILWAQT LI JIKKUNSIDRA l-impatt li għandha t-trasformazzjoni diġitali fuq l-isferi kollha tal-ħajja pubblika,

FILWAQT LI HUWA KONXJU li l-iżviluppi teknoloġiċi rapidi u l-konnettività globali huma assoċjati mal-ħtieġa ta' awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi biex jinbnew kapaċitajiet adegwati sabiex jirrispondu b'mod effettiv għall-ambjent kriminali li qed jevolvi, iżda wkoll sabiex isir l-aħjar użu mill-avvanzi teknoloġiċi emerġenti,

FILWAQT LI JINNOTA li l-innovazzjonijiet teknoloġiċi attwali jikkontribwixxu għal volum miżjud ta' data diġitali,

FILWAQT LI JINNOTA li l-maġġoranza tal-investigazzjonijiet kriminali għandhom komponent ta' data diġitali, li jitlob li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, inkluż l-uffiċjali l-aktar esposti jirrikonoxxu, jifhmu u jużaw id-data diġitali u jappella biex jissaħħu l-kapaċitajiet tal-analiżi tad-data fl-Unjoni kollha bħal prijorità,

¹ 13319/17

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI li l-iżvilupp tal-għarfien huwa proċess li jieħu ż-żmien u jitlob ħafna riżorsi, u li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għandhom jottimizzaw l-użu tar-riżorsi tagħhom, il-ħiliet tan-nies, l-esperjenza organizzattiva u s-servizzi pprovduti,

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI li hemm sforzi għaddejjin mill-Istati Membri sabiex jirrispondu għall-iżviluppi teknoloġiċi rapidi, bl-awtoritajiet jaħdmu flimkien sabiex jappoġġaw id-diversi attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, inkluż permezz ta' finanzjament tal-UE, li diġà joffru opportunitajiet biex jittieħed tagħlim mill-prattika u l-esperjenza kondiviża,

FILWAQT LI JIBNI fuq id-diskussjonijiet tematiċi tal-Ministri u f'COSI u l-kontributi mill-Istati Membri permezz tal-konsultazzjonijiet u l-laqgħat tal-esperti organizzati mill-Europol² u CEPOL,

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI r-rwol importanti tal-Aġenziji tal-ĠAI tal-UE biex jiżguraw fi ħdan il-mandati rispettivi tagħhom li l-kooperazzjoni operazzjonali tiġi ffaċilitata, promossa u msaħħa fl-Unjoni Ewropea,

FILWAQT LI JFAKKAR li l-iffaċċjar ta' sfidi ġodda maħluqa mill-iżviluppi teknoloġiċi jirrikjedi l-allokazzjoni ta' riżorsi adegwati, kif mitlub mill-Kunsill Ewropew f'Ottubru 2018³,

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

- JENFASIZZA** l-urġenza għal proċess aktar issimplifikat biex jappoġġa lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fl-Unjoni kollha biex jifhmu, jiżviluppaw u jużaw teknoloġiji u għodod fil-qasam tad-data diġitali, inkluż inizjattivi fir-riċerka u l-innovazzjoni;
- JENFASIZZA** l-fatt li flimkien mal-iskambju ta' informazzjoni, il-kooperazzjoni operazzjonali bejn l-awtoritajiet kompetenti fl-Unjoni tibbenefika minn skambju ta' għarfien strutturat abbażi tal-kunċett "tgħallem kif issib u tgħallem kif tuża d-data diġitali", appoġġat minn pjattaforma tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni li ssir disponibbli għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għal dak il-għan;

² 15200/1/18

³ EUCO 13/18

3. **JILQA'** l-parteċipazzjoni attiva tal-partijiet interessati rilevanti f'diversi formats ta' kollaborazzjoni, fejn diġà jikkondividu l-prattika u l-esperjenza tagħhom fil-qasam tad-data diġitali;

JAPPELLA LILL-EUROPOL BIEX:

4. Tippiżenta pjan direzzjonali għall-iżvilupp ta' pjattaforma għall-kondiviżjoni ta' informazzjoni - "*Informazzjoni Azzjonabbli Ġdida*" (NAI) (minn hawn 'il quddiem "il-pjattaforma NAI") lill-Kumitat Permanenti għall-Kooperazzjoni Operattiva dwar is-Sigurtà Interna (COSI) sal-aħħar tal-2019 bl-oġġettiv li jiġu konnessi l-esperti, l-għodod, l-inizjattivi u s-servizzi fil-qasam tad-data diġitali⁴, filwaqt li tibni fuq esperjenza diġà disponibbli ma' pjattaformi tal-kondiviżjoni tal-għarfien u dawg tal-esperti, bħall-Pjattaforma tal-Europol għall-Esperti (EPE) inkluż SIRIUS⁵, u filwaqt li tevita d-duplikazzjoni ma' inizjattivi diġà eżistenti;

-
- ⁴ Il-pjattaforma NAI għandha tappoġġa lill-Istati Membri u lill-partijiet interessati rilevanti oħra, pereżempju aġenziji, networks tal-prattikanti sabiex:
- a) jikkondividu għarfien dwar modi kif titwettaq l-analiżi (kriminali) bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fl-UE kollha.
 - b) ifasslu, jaġġornaw u jużaw proċeduri, metodoloġiji, linji gwida, manwali u programmi ta' software dwar it-trattament ta' data diġitali.
 - c) jikkondividu t-tagħlimiet meħuda, l-aħjar Prattiki u x-xenarji ta' ħidma li jinvolvu t-trattament ta' data diġitali.
 - d) jaħżnu applikazzjonijiet, algoritmi, jew għodod ta' software oħra, inkluż ittestjar, aġġornament jew użu.
 - e) ikollhom stampa ġenerali tal-inizjattivi rilevanti (azzjonijiet, proġetti relatati mal-iżvilupp tal-għarfien) li għandhom jiffaċilitaw il-prioritizzazzjoni, filwaqt li jevitaw id-duplikazzjoni u jottimizzaw l-użu tar-riżorsi.

Jistgħu jiġu kkunsidrati l-funzjonalitajiet li ġejjin għall-pjattaforma NAI: il-kompetenzi tal-prattikant, il-kapaċitajiet tal-librerija elettronika, pjattaforma ta' għodod, inizjattivi kontinwi jew previsti.

- ⁵ Għodda elettronika fil-Pjattaforma tal-Europol għall-Esperti (EPE) biex tappoġġa l-proġett SIRIUS iffinanzjat mill-UE li tipprovdi għarfien, għodod u taħriġ lil awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u awtoritajiet ġudizzjarji fl-UE bil-għan li jitjiebu l-kwalità u l-effiċjenza tat-talbiet għal aċċess għal evidenza elettronika.

5. Twaqqaf **Grupp ta' Ħidma Espert dwar l-Analiżi Kriminali** bl-objettiv li jiġu allinjati l-istandards tal-analiżi kriminali, inkluż billi jiġu kondiviżi l-aħjar prattiki, l-għarfien, u l-kapaċitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni f'dan il-qasam;
6. **JAPPELLA lill-Istati Membri, l-Aġenziji u n-Netwerks** biex jikkontribwixxu b'mod regolari u fil-ħin permezz ta' inizjattivi xierqa għall-pjattaforma NAI billi jikkondividu, jittestjaw, jippromwovu, jużaw u jżommu aġġornat il-kontenut dwar l-analiżi (kriminali) u d-data diġitali;
7. **JINNOTA** l-importanza ta't-taħriġ inizjali u kontinwu biex tiġi mifhuma u tintuża d-data diġitali għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u **JAPPELLA LIS-CEPOL** biex tiżviluppa u timplimenta pakketti ta' taħriġ inkluż taġġim elettroniku, sabiex tilħaq l-iktar ċirku wiesa' possibbli ta' uffiċjali tal-infurzar tal-liġi, biex b'hekk tippromwovi l-użu ta' proċeduri, metodoloġiji, linji gwida, manwali u programmi tas-software, identifikati fi ħdan il-pjattaforma għal dan l-iskop;
8. **JINNOTA** l-importanza tal-kooperazzjoni ġudizzjarja biex jiġu żgurati risponsi robusti għal kriminalità serja u organizzata u **JAPPELLA LILL-EUROJUST** biex tippromwovi l-użu sħiħ tal-pjattaforma NAI, filwaqt li tiżgura sinkronizzazzjoni u komplementarjetà ma' inizjattivi rilevanti oħra indirizzati lill-awtoritajiet ġudizzjarji;
9. **JAPPELLA lill-Kummissjoni** biex tesplora l-possibbiltà li jiġu allokat i rżorsi adegwati, kif appella l-Kunsill Ewropew f'Ottubru 2018⁶, u biex tappoġġa l-pjattaforma NAI fir-rigward tal-finanzjament futur li jitqiegħed għad-disponibbiltà tal-Istati Membri, l-Aġenziji u n-networks (eż. żidiet mal-baġit jew sejħiet għal proġetti) bil-għan li jiġu żgurati l-koeżjoni u komplementarjetà bejn il-partijiet interessati billi jiġi promoss l-użu ta' NAI bħala pjattaforma komuni għall-inizjattivi u l-proġetti;
10. **JISTIEDEN lill-Kumitat Permanenti għall-Kooperazzjoni Operattiva dwar is-Sigurtà Interna** biex jimmonitorja l-valur miżjud tal-pjattaforma NAI, inkluż fil-kuntest aktar wiesa' tal-isfidi maħluqa fil-qasam tat-trattament tad-data diġitali.

⁶ EUCO 13/18